MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 25 ta' April 2025**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**
**(Spettur Karl Roberts)**

**Vs**

**Andre` Gove`**
**(Karta ta' l-identita' bin-numru 0277990M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Andre` Gove** li ġie akkużat talli fil-Gżejjer Maltin u/jew barra minn dawn il-Gżejjer bejn nhar l-ewwel (1) ta' Jannar tas sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) u l-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u hamsa u ghoxrin (2025), b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Talli bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, ghen, assista, ta parir jew habrek biex persuna oħra tidħol jew tagħmel tentattiv biex tidħol jew toħroġ jew tgħaddi minn jew tagħmel tentattiv biex tgħaddi minn jew tagħmel tentattiv biex toħroġ minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta sew barra minn Malta, tikkonġra f'dak is-sens ma xi persuna oħra meta l-għadd ta' persuni mgħejuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura kif imsemmi qabel kien aktar minn tlieta;

2. Talli fl-istess zmien, lok, u ċirkostanżi sabiex kiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew provda tagħrif falz;

3. Talli fl-istess zmien, lok u ċirkostanżi għen jew assista lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art f'Malta, jew li qagħad ġewwa Malta, kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art, jew li toqgħod ġewwa jew li titlaq minn xi Stat ieħor bi ksur tal-liġi dwar id-dħul, ir-residenza u l-ħruġ ta' dak l-Istat, jew taħbi jew tagħti kenn lil xi persuna li tkun taf, jew ikollha tassew għax taħseb, li tkun qiegħda f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni;

4. Fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, dwar xi informazzjoni li għandha tiġi mogħtija skont jew għall-finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta), ta jew ġiegħel li jingħata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jirrikkonsidra l-posizzjoni tiegħu;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Rat l-atti proċesswali l-oħra kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u għalhekk il-Qorti, wara li rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni, hija sodisfatta li dawn ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi ai fini ta' piena l-Qorti evalwat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali, in-natura tar-reati u wkoll sentenzi li nghataw dwar każijiet simili fil-passat riċenti. Illi l-Qorti tirrileva li wara li ħadet in konsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha hija tal-fehma illi għandha timponi piena pekunjarja kif maħsuba fil-Liġi.

**DECIDE**

Għaldaqstant, wara li l-Qorti rat l-artikoli 188 u 337A tal-Kodiċi Kriminali, u artikoli 32 (1) (a) u (c) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara lill-

imputat **Andre` Gove`** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, u tikkunannah għall-ħlas ta’ multa ta’ sebgħa u għoxrin elf ewro (€27,000).

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**